# IL-PULIZIJA

Marzu 2024 • Vol 31 • Nru. 1




PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

ptl

bsi
ISO 9001 Quality Management Systems CERTIFIED
ISO/IEC 27001 Information Security Management CERTIFIED

# Holistic IT consulting services and tools to enable faster and smarter business decisions.

Border Security • Digital Health • Cyber • Digital Banking • Specialised IT Solutions

## Our Partners

IBM Gold Partner · Cisco · Microsoft · Trend Micro · Lenovo · Oracle · Veeam · LS Retail an aptos company · NCR · Nagios · access · Red Hat · Barracuda Your journey, secured. · vmware · aspin · ManageEngine · dynamicweb · pitney bowes

**Reach out via email to schedule a meeting and take the next step towards smarter IT Solutions.**

PTL Limited is part of Harvest Technology plc
HARVEST

Tel: +356 2144 5566
Email: info@ptl.com.mt
Website: www.ptl.com.mt

# Werrej


**04** **Il-Messaġġ**
Tal-Kummissarju

**07** **Il-Kommemorazzjoni tal-100 sena mit-Twaqqif tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta**

**10** **Id-Dijabete**
Minn Dr. Charlene Tonna

**12** **Mill-Uffiċċju Legali**
Mis-Supretendent Jurgen Vella

**15** **L-importanza li taqta' mix-xogħol u tistrieħ**
Employee Support Programme

**16** **Police Officers Union**
Minn Steve Spiteri

**19** **Paġna tal-Isports**
Avvenimenti Sportivi

**20** **It-Team tal-Football**
Minn PC 1425 Adrian Ciappara

**23** **Pensjonanti**
Kitba ta' Martin Pace

**27** **International Police Association**

**28** **Apprezzamenti**
Mingħand il-Komunità

**30** **Obitwarju**





*Ritratt mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni*

# Editorjal

F'din l-edizzjoni nenfasizzaw il-ħidma vitali tal-GBVU, unit iddedikat għall-appoġġ lejn il-vittmi u l-ġlieda kontra dan l-abbuż. Filwaqt li mal-progress nonoraw ukoll l-istorja fejn għandna artiklu marbut maċ-ċelebrazzjonijiet tal-100 sena anniversarju tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Magħhom numru ta' artikli li għandna nsibu utli għall-ħajja ta' kuljum tagħna, fosthom mit-Tabiba fejn bħal dejjem tenfasizza l-importanza li nagħtu prijorità lis-saħħa tagħna u f'din l-edizzjoni tindirizza l-problema tad-dijabete. Jikkumplimenta l-enfasi fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħna, l-artiklu tal-ESP li dejjem jagħtuna pariri siewja fuq kif għandna nsibu dak il-bilanċ diffiċli bejn ix-xogħol u s-serħan.

L-Uffiċċju Legali jindirizza l-Pretended Rights u permezz ta' spjegazzjoni u sentenzi tal-qorti, dan l-artiklu joħroġ l-elementi ta' dan ir-reat komuni imma kumpless.

Nieħu din l-opportunità biex nawgura lill-Assistenti Kummissarji u Supretendenti li ġew promossi riċentament. Awguri speċjali lis-Sur Kenneth Haber li ġie promoss għall-kariga ta' Deputat Kummissarju. Għal żmien twil is-Sur Haber kien ukoll parti mill-Bord Editorjali ta' dan il-magażin.

Ħu Ħsiebek!
Rodienne Bartolo Haidon
Editur

## Membri tal-bord


**President**
Spettur David Bugeja

**Editur**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon

**Membri**
PS 2280 - Louise Busuttil
PC 2025 - Charlene Cilia
PC 2176 - Sloune Gatt Fabri

**Qari tal-Prova**
Spettur Rodienne Bartolo Haidon
PC 2019 - Daniela Grima Sultana

**Fotografija**
PC 920 - Clive Pace
Martina Fava



**Disinn u Riklamar**
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317
e-mail: abpublicationsltd@gmail.com

**Stampar**
GUTENBERG PRESS

**Nota ta' ringrazzjament**
Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f 'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt: Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, FRN 1530 jew ***magazine.police@gov.mt***

# Il-Messaġġ tal-Kummissarju

**Inkomplu Nipprijoritizzaw il-Ħidma Tagħna Favur il-Vittmi tal-Vjolenza Domestika**




Sa mill-ewwel jum tiegħi fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija kont bgħatt messaġġ ċar li ridt nagħti prijorità assoluta lill-ħidma tagħna favur il-vittmi tal-vjolenza domestika.

Umilment nistqarr li kważi erba' snin wara, illum jeżisti kunsens kemm fil-Korp u fil-pajjiż li f'dawn l-aħħar snin il-Korp tal-Pulizija mexa passi ta' ġgant f'dan is-settur.
Irrid infakkar kif sa ftit tas-snin ilu, il-vjolenza domestika kienet pain point maġġuri tal-Korp. Kontinwament konna niġu kkritikati għall-mod kif konna nirreaġixxu mal-vittmi ta' dan l-abbuż.
Kien għalhekk li proprju tliet xhur biss wara li assumejt din il-kariga, f'Ottubru 2020 waqqafna l-Gender-Based & Domestic Violence Unit b'fokus partikolari fuq il-vittmi tal-vjolenza domestika.

Bdejna billi ċċentralizzajna s-servizz b'nukleu ta' ftit aktar minn għoxrin uffiċjal joperaw minn ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija taħt id-direzzjoni tal-Assistent Kummissarju Dennis Theuma u s-Supretendent Johann Fenech. U ġaladarba din il-ħidma issa bdiet tiġi kkunsidrata bħala speċjalizzazzjoni, ridna naraw li dawn l-uffiċjali jintgħażlu fuq bażi ta' mertu permezz ta' proċess ta' selezzjoni intern.

B'dan il-mod ridna nassiguraw li dan ir-reat tant delikat jiġi trattat bl-aktar mod professjonali u empatiku minn uffiċjali motivati u dan anke permezz ta' taħriġ speċjalizzat minn professjonisti f'dan is-settur.

Fl-ewwel ftit xhur tal-operat ta' dan il-Unit kien jidher ċar li b'mod konkret konna qegħdin nimplimentaw parti essenzjali tal-missjoni tal-Korp, dik li nipprovdu servizz professjonali u fdat.

Tant il-vittmi tal-vjolenza domestika bdew sa mill-bidu nett isaħħu l-fiduċja tagħhom fil-membri ta' dan il-Unit li proprju bejn is-sena 2019 u s-sena 2020 (is-sena li fiha waqqafna dan il-Unit) esperjenza żieda fenomenali ta' 24% fir-rapporti riċevuti, l-akbar żieda annwali fir-rapporti ta' vjolenza domestika. Ċertament li l-pandemija tal-COVID-19 ukoll kellha kontribut għal din iż-żieda.

Sussegwentement, filwaqt li l-Korp b'mod ġenerali baqa' jkattar il-fiduċja tal-poplu Malti u Għawdxi (l-aħħar konferma tasal mill-Eurobarometer Survey ippubblikat f'Diċembru 2023 fejn irriżulta li l-Korp tal-Pulizija huwa bil-bosta l-aktar istituzzjoni fdata fil-pajjiż (61%) kumparat mal-partiti politiċi (36%), mal-qrati (35%) u mal-midja (26%), komplejna naraw żieda kostanti fir-rapporti ta' vjolenza domestika sabiex fl-2021 irreġistrajna żieda ta' 6% fuq l-2020 u fl-2022 irreġistrajna żieda ta' 5% fuq is-sena ta' qabel. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Korp, is-sena l-oħra rċevejna aktar minn 2000 rapport ta' vjolenza domestika (total ta' 2071 rapport), żieda ta' 243 rapport (13%) fuq is-sena ta' qabel. Dan ifisser li fis-sena 2023, ipproċessajna medja ta' kważi sitt rapporti kuljum.

U filwaqt li dawn it-tip ta' rapporti jnikktuna, huwa tajjeb li ninterpretaw din iż-żieda sostanzjali (55% fl-aħħar erba' snin) bħala turija ta' fiduċja li l-vittmi ta' dan l-abbuż illum għandhom fil-membri tal-Korp, kemm dawk li jaħdmu fil-Gender-Based & Domestic Violence Unit kif ukoll fil-frontliners tagħna tad-Distrett, tal-Community Policing kif ukoll tar-Rapid Intervention Unit, li fl-aħħar snin

fehmu dejjem aktar li anke huma għandhom irwol importanti x'jaqdu fl-għoti ta' dan is-servizz.

B'dan il-mod komplejna nnaqqsu dak li bl-Ingliż nirreferu għalih bħala dark figure of crime u ċioè reati kriminali li ma jiġux irrappurtati lill-Pulizija. Dan kollu joħroġ b'mod ċar meta wieħed jinnota li 75% tar-rapporti ta' vjolenza domestika fl-2023 kienu jikkostitwixxu ħsara psikoloġika. Dan ifisser li tant illum hawn għarfien u kunfidenza fis-servizzi offruti mill-Korp li vittma ta' vjolenza domestika mhux qed jistenna li jingiref qabel ma jagħmel il-kuraġġ sabiex jagħmel rapport mal-Pulizija.

U ġaladarba fl-aħħar erba' snin esperjenzajna żieda kostanti fid-domanda għas-servizzi lill-vittmi tal-vjolenza domestika, kien jeħtieġ li l-Korp ukoll ikompli jsaħħaħ ir-riżorsi tiegħu f'dan is-settur tant li llum għandna 'l fuq minn 60 uffiċjal (it-triplu tal-ammont oriġinali) li qed joperaw f'dan il-Unit.

Iżda lil hinn miż-żieda fir-riżorsi ġewwa l-Unit, rajna li kemm jista' jkun kull uffiċjal fil-Korp jagħraf l-irwol importanti tiegħu għal servizz aktar effettiv mal-vittmi tal-vjolenza domestika. Għaldaqstant f'Mejju 2023 ippubblikajna Standard Operating Procedure (SOP-GDV) bil-għan li nassiguraw servizz aktar professjonali, aktar empatiku u uniformi madwar il-Korp kollu.

Apparti minn hekk, fi Frar ta' din is-sena inawgurajna hub ġewwa Santa Luċija minn fejn bdejna nirċievu u naħdmu fuq rapporti ta' vjolenza domestika li jseħħu ġewwa n-nofsinhar tal-pajjiż (Reġjun A). B'hekk, dik



li qabel kienet għassa sekondarja tal-Pulizija, illum ġiet konvertita f'ambjent aktar denju sabiex l-uffiċjali tagħna jkomplu jsaħħu l-livell ta' professjonaliżmu fis-servizz offrut.

Hub ieħor simili huwa mistenni li jibda jopera mill-Imtarfa bejn l-aħħar ta' din is-sena u l-bidu tas-sena d-dieħla, filwaqt li bħalissa għaddejjin b'ħidma sabiex inwaqqfu setup ġewwa Għawdex li permezz tiegħu nkomplu nsaħħu ħidmietna f'dan is-settur anke fil-gżira tat-tliet għoljiet, li s-sena l-oħra pproċessat 91 rapport li nofshom kienu kkategorizzati bħala ħsara psikoloġika.
Apparti l-ftuħ tal-hub ġewwa Santa Luċija, fl-istess jum il-Korp ippubblika wkoll manwal intiż sabiex ikabbar l-għarfien dwar il-vjolenza domestika, is-servizzi offruti, il-proċeduri assoċjati ma' dan ir-reat kif ukoll kuntatti ta' msieħba oħra rilevanti fis-settur.



Dan kollu huwa turija ta' kemm il-Korp tal-Pulizija b'mod konkret qiegħed jipprijoritizza l-għoti ta' servizzi aktar professjonali mal-vittmi tal-vjolenza domestika.

Nagħlaq billi filwaqt li niżżi ħajr lill-uffiċjali tagħna li jaħdmu f'dan is-settur, nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-attenzjoni partikolari li llum il-ġurnata qed tagħtu lill-vittmi ta' dan l-abbuż.

Dan huwa eżempju konkret tat-trasformazzjoni li l-Korp tal-Pulizija qiegħed iwettaq ġurnata wara l-oħra sabiex flimkien nassiguraw li l-poplu Malti u Għawdxi jkompli jafdana fil-missjoni tagħna li nassiguraw pajjiż sikur għal kulħadd.
Il-ħidma t-tajba lil kulħadd.

DOMINE DIRIGE NOS


WE'RE
STRONGER
TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

# Il-Kommemorazzjoni tal-100 sena mit-Twaqqif tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta




SM 1133 – Joseph Borg

Is-sena li għaddiet kienet is-sena li matulha saru wkoll attivitajiet sabiex jibqa' mfakkar iċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Sintendi bħalma tistgħu tobsru dawn l-attivitajiet ma setgħux isiru f'għeluq is-sena tagħhom propja, minħabba r-restrizzjonijiet u ċirkustanzi oħra li ġabet magħha l-pandemija Covid-19.

Għaldaqstant kif għidt, matul is-sena saru diversi kunċerti marbutin ma' dan il-ġublew tal-banda, fost oħrajn ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt, fil-knisja kolleġjata ta' San Ġorġ Martri, Ħal Qormi, ġewwa t-Teatru Manuel, fil-Forti ta' Sant Iermu f'nhar Jum il-Pulizija, ir-Rabat Malta waqt l-attività 'Rabat Sagrum', l-Università ta' Malta u diversi lokalitajiet oħra f'Malta u Għawdex. L-għeluq bil-Kunċert Annwali ta' Lejliet il-Milied.

Waqt il-kunċert ġewwa t-Teatru Manuel, il-banda għal din l-okkażżjoni stiednet is-sezzjoni tat-trumpeters mir-Royal Marines, li taw spettaklu mill-aqwa flimkien mal-banda tagħna. F'mument partikulari ta' din l-okkażżjoni ġiet ppreżentata bandalora li ser tibqa' tfakkar dan l-avveniment fl-istorja ta' din il-banda. Xogħol taż-żewġ artisti bravi u promettenti, b'disinn ta' Gabriel Farrugia u maħduma fl-insiġ minn Dali Habbuobi.

ikompli fuq paġna 8...






ikompli minn paġna 7...

Saret ukoll medalja kommemorattiva li tqassmet lil kull membru tal-Korp u medalja oħra ta' fuq is-sider sabiex tingħata lill-mużiċisti preżenti, ma' oħrajn li servew f'din il-banda.

F'okkażżjoni speċjali bħal din, kif kien mistenni saret ċerimonja fejn bdiet b'quddiesa mill-Kappillan tal-Korp Fr Raymond Bonniċi, O.F.M Cap., preżenti l-membri kollha tal-banda u dan b'ringrazzjament lil Alla għal din il-grazzja u talent.

Imbagħad sar il-kxif tal-lapida kommemorattiva li ser tibqa' tfakkar dan iċ-Ċentinarju; liema annati f'dan il-ġublew jimmarkaw il-Banda tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, kemm miċ-ċirkustanzi kif ukoll il-ġrajjiet, tista' b'xi mod titqies ukoll bħala l-ewwel Banda Nazzjonali fl-istorja bandistika lokali. F'din iċ-ċerimonja l-membri tal-banda attivi, inkluż il-mużiċisti ta' riserva li ġew ingaġġati fil-banda għall-ewwel darba, parti mit-transformazzjoni, f'April li għadda (2023) ma' persuni oħra li taw ukoll servizz lill-banda, ġew rikonoxxuti waqt din iċ-ċerimonja. Il-mużiċisti, kif ingħad, ġew dekorati b'medalja u preżentati b'ċertifikat ta' mertu mill-Ministru Dr Byron Camilleri u l-Kummissarju s-Sur Angelo Gafà, waqt li l-persuni distinti l-oħra ġie preżentat lilhom memento kommemorattiv. Flimkien magħhom ingħata rikonoxximent ukoll lis-Surmast attwali tal-Banda, Mro Anthony Cassar, fost oħrajn bħala l-aktar Surmast Direttur li ilu jmexxi din il-banda. Dwar il-medalja, din hija s-sitt medalja li ngħatat uffiċjalment lill-membri tal-Korp, ilkoll fuq merti distintivi. Iddisinjata propju sabiex tfakkar dan il-ġublew storiku. Fl-isfond tad-disinn tagħha hemm imposti l-ewwel żewġ battuti mill-Innu Malti, li l-banda regolarment dejjem ħadet ħsieb li ddoqq waqt programmi u esekuzzjonijiet minn tagħha. Ġie mniedi wkoll set bolol ta' Malta, li wkoll ser ikunu qegħdin jikkommemoraw dan l-avveniment.




**Il-Korp estenda l-għoti tal-medalja biex jiġu onorati wkoll dawk li kollha li taw sehemhom fil-banda tal-Pulizija ta' Malta matul is-snin. Dawk li għamlu t-talba sabiex tingħatalhom din il-medalja se jkunu qed jirċievu komunika f'dan ir-rigward fi żmien li ġej.**

**Baqa' wkoll numru limitat ta' settijiet ta' bolol (First Day Cover). Min huwa interessat li jixtri sett għandu jibgħat email fuq facebook.police@gov.mt**

Preżentazzjoni oħra interessanti waqt din iċ-ċerimonja kienet biċċa mużika, marċ miktub madwar 100 sena ilu mill-istess fundatur tal-Banda - il-Kummissarju ta' dak iż-żmien, il-Logotunent Kurunell Henry William Bamford. Din kienet instabet ftit taż-żmien ilu fl-arkivju mużikali li għandu l-Korp qalb mużika oħra antika ta' żmienu. Riċentement kien sarilha wkoll adattament mużikali minn wieħed mill-membri tal-istess banda, is-Surġent Mro Sandro Mangion, bil-ħsieb li tiġi konservata u li tkun tista' terġa' tibda tindaqq f'xi okkażżjonijiet mill-banda preżenti. Il-mużika, li hija miktuba fuq stil ta' marċ militari, mill-era ta' dawk iż-żminijiet, titqies ukoll bħala dokument importanti għall-istorja ta' din il-banda.



Logotunent Kurunell Henry William Bamford

L-addattament tal-marċ bl-isem 'Malta Police March' ġie ppreżentat waqt din il-kommemorazzjoni sabiex ikun ukoll parti mir-ripertorju tal-banda, b'dedika lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom fil-banda matul iż-żminijiet waqt li jkun ukoll ta' omaġġ għall-istess kompożitur u fundatur tal-banda.

Din il-Banda tagħna b'100 sena ta' storja u esperjenza. Iffurmata minn membri li minkejja li x-xogħol prinċipali tagħhom huwa li jipproteġu, iħarsu u jwennsu, mużikalment jakkumpanjaw f'okkażżjonijiet ta' niket imma wkoll jallegraw u jferrħu lin-nies bi spettakli u preżentazzjonijiet mużikali minn tagħhom.



# ID-DIJABETE

## – X'inhuma l-konsegwenzi u kif tista' tiġi ikkontrollata?



Minn Dr. Charlene Tonna
- MI Room

Id-dijabete hija marda kronika u metabolika kkaratterizzata minn livelli elevati ta' zokkor fid-demm li maż-żmien twassal għal ħsara serja lill-qalb, vini, għajnejn, kliewi u nervituri. Hemm żewġ tipi ta' dijabete, tip 1 u tip 2. L-aktar komuni hija d-dijabete tat-tip 2, normalment fl-adulti, li sseħħ meta l-ġisem isir reżistenti għall-insulina jew ma jagħmilx biżżejjed insulina. Fl-aħħar 3 deċenji l-prevalenza tad-dijabete tat-tip 2 żdiedet b'mod drammatiku f'pajjiżi tal-livelli kollha ta' dħul. Id-dijabete tat-tip 1, li darba kienet magħrufa bħala dijabete tal-minorenni jew dijabete dipendenti fuq l-insulina, hija kundizzjoni kronika li fiha l-frixa tipproduċi ftit jew xejn insulina waħedha. Għal nies li jgħixu bid-dijabete, l-aċċess għal trattament affordabbli, inkluża l-insulina, huwa kritiku għas-sopravivenza tagħhom. Hemm mira miftiehma globalment biex titwaqqaf iż-żieda fid-dijabete u l-obeżità sal-2025. Madwar 422 miljun ruħ madwar id-dinja għandhom id-dijabete, il-maġġoranza jgħixu f'pajjiżi bi dħul baxx u medju, u 1.5 miljun mewt huma direttament attribwiti lid-dijabete kull sena. Kemm in-numru ta' każijiet kif ukoll il-prevalenza tad-dijabete qed jiżdiedu b'mod kostanti matul l-aħħar għexieren ta' snin.

Is-sintomi tad-dijabete tat-tip 1 jinkludu l-ħtieġa li tgħaddi l-awrina ta' spiss, għatx, ġuħ kostanti, telf ta' piż, bidliet fil-vista u għejja. Dawn is-sintomi jistgħu jseħħu f'daqqa. Is-sintomi għad-dijabete tat-tip 2 huma ġeneralment simili għal dawk tad-dijabete tat-tip 1 iżda ħafna drabi huma inqas evidenti. Bħala riżultat, il-marda tista' tiġi maqbuda diversi snin wara li diġà jkunu nqalgħu kumplikazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li tkun konxju tal-fatturi ta' riskju.

Id-dijabete tat-tip 1 bħalissa ma tistax tiġi evitata. Hemm modi effettivi biex jipprevjenu d-dijabete tat-tip 2 u biex jipprevjenu l-kumplikazzjonijiet u l-mewt prematura li jistgħu jirriżultaw mit-tipi kollha ta' dijabete.

Dawn jinkludu l-ewwel u qabel kollox edukazzjoni lil popolazzjonijiet sħaħ u f'ambjenti speċifiċi (skola, dar, post tax-xogħol) biex b'hekk nikkontribwixxu għal saħħa tajba għal kulħadd, irrispettivament jekk għandhomx id-dijabete. Importanti li l-poplu jiġi edukat rigward x'jista' jagħmel biex tiġi evitata din il-marda, bħal jagħmlu eżerċizzju regolari, jieklu b'mod tajjeb għas-saħħa, jevitaw it-tipjip, u jikkontrollaw il-pressjoni u x-xaħam fid-demm.

Il-punt tat-tluq biex wieħed jgħix tajjeb bid-dijabete huwa dijanjosi bikrija - aktar ma persuna tgħix b'dijabete mhux maqbuda u mhux ikkurata, aktar x'aktarx ikunu agħar ir-riżultati tas-saħħa tagħha. Aċċess faċli għal dijanjostiċi bażiċi, bħall-ittestjar taz-zokkor fid-demm, għandu għalhekk ikun disponibbli f'ambjenti tal-kura tas-saħħa primarja. Jekk jirriżulta li hemm traċċa ta' zokkor, il-pazjenti jkollhom bżonn evalwazzjoni ta' speċjalista perjodika jew trattament għall-kumplikazzjonijiet.



Serje ta' interventi effettivi jistgħu jtejbu r-riżultati tal-pazjenti, irrispettivament minn liema tip ta' dijabete jista' jkollhom. Dawn l-interventi jinkludu kontroll ta' zokkor fid-demm permezz ta' kombinazzjoni ta' dieta, attività fiżika u, jekk meħtieġ, medikazzjoni; kontroll tal-pressjoni tad-demm u xaħam biex jitnaqqas ir-riskju kardjovaskulari u kumplikazzjonijiet oħra msemmija hawn fuq. Importanti wkoll li jsir screening regolari tal-għajnejn, tal-kliewi u tas-saqajn biex jiffaċilitaw it-trattament bikri.

# AKTAR FAĊLI GĦALIK
# MAKING IT EASIER



**Dawn huma l-oġġetti li tista' tieħu fir-Roadshow Truck**

**These are the items you can take to the Roadshow Truck.**

Ħwejjeġ
Clothes

Plastik
Plastic

Metall
Metal

Żejt tat-tisjir
Cooking oil

Bozoz u tubi
Light bulbs & neon tubes

Vożetti u fliexken tal-ħġieġ
Glass bottles & jars

Karta u kartun
Paper & cardboard

Batteriji żgħar
Household batteries

Basktijiet u żraben
Bags & shoes

Polystyrene

Borom u taġnijiet
Pots & pans

Apparat elettroniku żgħir
Small electronic devices

Żebgħa u solventi
Paints & solvents

Bottijiet tal-ispray
Aerosol sprays




WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE

8007 2200

wsm.com.mt/roadshow

# RAGION FATTASI

## – PRETENDED RIGHTS



Supretendent Jurgen Vella
– Uffiċċju Legali

Il-kunċett ta' persuni li jieħdu l-liġi b'idejhom huwa pjuttost komuni quddiem il-qrati ta' ġudikatura kriminali f'Malta.

Huwa ċar li kull ċittadin għandu jirrikorri għand l-awtorità kompetenti sabiex jerġa' jiġi mpoġġi fil-pussess ta' xi dritt jew oġġett li jkun ittiħedlu minn ħaddieħor. Dan huwa importanti sabiex tinżamm il-paċi pubblika u s-saltna tad-dritt. Jekk persuna tieħu l-liġi b' idejha, l-azzjoni tiegħu tinġurja l-ġustizzja soċjali u għalhekk għandha tkun penalizzata.

Għalkemm il-vittma tista' jitlob lill-qorti sabiex terġa' ddaħħlu fil-pussess tal-oġġett jew dritt li klandestinament ġie mċaħħad minnu, b'azzjoni ċivili ta' spoll, ir-ragion fattasi huwa reat kriminali liema azzjoni għandha titmexxa ex-officio.

Fil-Kodici Kriminali tagħna, ir-reat ta' ragion fattasi hu kopert b'artiklu 85. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa definit bħala eżerċizzju ta' pretensjonijiet u ċioè, meta persuna teżerċita dritt jew jedd li tippretendi li għandha.

Artiklu 85 (1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid is-segwenti:

"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor....."

**L-ELEMENTI FORMALI U MATERJALI TAR-REAT**

Biex offiża ta' ragion fattasi jissussisti, il-prosekuzzjoni hija marbuta bil-liġi li tipprova l-att estern magħmul mill-akkużat qed iċaħħad persuna minn dritt jew minn ħaġa li hi tgawdi u li dan l-att estern isir minkejja oppożizzjoni espressa jew preżunta minn tali persuna l-oħra (l-element materjali). Irid jiġi pruvat ukoll lil hinn minn kull dubju li l-att estern sar mill-akkużat bi ħsieb li hu qed jeżerċita xi dritt u li hu qed jaġixxi hekk bi dritt (l-element formali).
Dan il-ħsieb irid ikun akkumpanjat bl-għarfien tal-aġent li dak li qed jagħmel bl-awtorità tiegħu jkun irid isir minn awtorità legali. Importanti wkoll li l-prosekuzzjoni tipprova li l-allegat offiża ma tikkostitwixxix reat aktar serju.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs John Dimech ta' nhar l-24 ta' Ġunju 1961, intqal: "id-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat ta' ragion fattasi hija ntiża biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tiegħu għal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi ġusta jew le l-pretensjoni tiegħu, hu ma jistax minn rajh jeżerċita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li għandu".
Dan ifisser li din il-liġi hija ntiża għal meta persuna tieħu l-liġi b'idejha!

**L-ELEMENTI TAR-REAT TAR-RAGION FATTASI**

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 15 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Micheal Lungaro et., intqal illi l-elementi kostituttivi tar-reat taħt Artikolu 85 tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma erbgħa u cioè :-

a) att estern li jispolja lil xi ħadd minn xi ħaġa li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppożizzjoni espressa jew preżunta ta' dan il-ħaddieħor
b) il-kredenza li l-att qed isir fl-eżerċizzju ta' dritt
ċ) il-konoxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel "di braccio privato" dak li jmissu jsir permezz ta' awtorità pubblika
d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi
L-insenjament tal-qrati dejjem kien fis-sens li jkun suffiċjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi msemmija sabiex jissussisti r-reat ta' ragion fattasi.

**DISTINZJONI BEJN RAGION FATTASI U REATI OĦRA**

Il-Professur Mamo fin-noti tiegħu jgħid illi t-tieni element hawn fuq msemmi u ċioè 'il-kredenza li l-att qed isir fl-eżerċizzju ta' dritt', jagħmel id-distinzjoni bejn ir-reat tar-ragion fattasi u reati oħra u dan għaliex l-istess fatt jista' jikkostitwixxi reat ieħor. Eżempju jekk l-intenzjoni tal-aġent kienet li jagħmel qligħ b'mod illeċitu, allura r-reat jikkonstitwixxi serq. Jekk mill-banda l-oħra, l-aġent aġixxa b'ħażen jew bi tpattija, minflok bl-intenzjoni li l-att qed isir fl-eżerċizzju ta' xi dritt li jista' jkollu, u wettaq ħsara fil-propjetà, allura r-reat ta' ragion fattasi ma jissustix.

L-element materjali ta' dan ir-reat jikkonsisti ċ-ċaħda ta' xi dritt jew oġġett li ħaddieħor ikun qed igawdi. Iżda jekk l-aġent ikun għamel dik l-azzjoni sabiex jiddefendi l-possedimenti tiegħu, aktar milli jċaħħad fil-pussess lil ħaddieħor, ir-reat tar-ragion fattasi wkoll ma jissustix.

**KONKLUŻJONI**

Għalkemm kultant jista' jkun diffiċli biex wieħed jiddistingwi bejn ir-reat ta' ragion fattasi u kwistjoni li għaliha hemm rimedju ċivili, għandu jingħad li l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali mhuwiex intiż biex jipproteġi l-propjetà ta' xi persuna iżda biex jippreveni milli persuna juża' l-awtorità tiegħu nnifsu flok ma rrikorra għand l-awtoritajiet kompetenti, u ċioè jieħu l-liġi b'idejh.





DAVID'S BAKERY GOZO

# Delicious LENT & EASTER Confectionery

WITH A UNIQUE COMBINATION OF MASTER BAKERY SKILLS AND UNRELENTING PASSION
WE PROUDLY CREATE TRADITIONAL LENT & EASTER TREATS THAT ARE SIMPLY IRRESISTIBLE!!!!

AVAILABLE FROM SUPERMARKETS, GROCERY STORES AND OTHER OUTLETS IN MALTA AND GOZO 2155 5655 info@davidsbakerygozo.com

# L-importanza li taqta' mix-xogħol u tistrieħ

Employee Support Programme Unit

Kulħadd uman u ħadd ma għandu swiċċ biex kif nispiċċaw mix-xogħol inħallu kollox warajna. Waqt li taqdu d-dmirijiet tagħkom bħala pulizija, tiltaqgħu ma' ħafna inċidenti trawmatiċi kemm b'mod dirett jew tisimgħu li ġraw lil sħabkom.  Hija raġonevoli li tibqgħu taħsbu fuq is-sitwazzjoni li tkun ġrat u din tqanqal diversi emozzjonijiet fikom.

Waħda mill-aħjar modi li tnaqqsu dawn il-ħsibijiet u l-emozzjonijiet li jakkumulaw ta' kuljum, hija billi tippruvaw issibu ħin fejn tingħaqdu bħala kollegi waqt il-ħin tax-xogħol u titkellmu fuq l-esperjenzi tal-ġurnata.

Madankollu huwa wkoll ferm importanti u neċessarju li ssibu ħin sabiex tistrieħu u tirrilassaw għax huwa diffiċli tinsa dak li tkunu għaddejtu minnu.  Importanti li tirrispettaw il-ħin personali u liberu tagħkom u tieħdu l-mistrieħ meħtieġ meta tkunu barra mix-xogħol. Għaldaqstant huwa ferm importanti li jinstabu metodi sabiex taqtgħu mix-xogħol.

Dawn li ġejjin huma xi ftit punti li jistgħu jgħinukom taqtgħu ftit mir-rutina tax-xogħol u li tiffukaw fuq affarijiet oħra li mhumiex relatati max-xogħol tal-Korp:

· Il-ħinijiet tax-xogħol huma diġa' twal. Meta tkunu Off jew bil-leave ippruvaw illimitaw il-ħsibijiet tagħkom speċjalment dawk relatati mal-post tax-xogħol sabiex tevitaw li tinfnew bix-xogħol tal-Korp;

· Ħaġa żgħira li tista' tgħinkom ħafna hi li tidħlu f'rutina kif jispiċċa l-ħin tax-xogħol, bħal sempliċiment li tbiddlu l-uniformi, jew li tagħmlu xi ħaġa oħra li għalikom tfisser li issa huwa l-ħin tagħkom.

· Ix-xogħol tal-pulizija joħloq ħafna stress, u huwa importanti li ssibu żvog billi tagħmlu xi tip ta' eżerċizzju jew li ssibu passatemp li tħobbu tagħmlu sabiex jgħinkom taljenaw raskom fuq affarijiet oħra.

• Importanti ssibu ħin biex tqattgħuh mal-familjari u mal-ħbieb għax dawn jistgħu ikunu sors ta' sapport imprezzabbli.  Dan is-sostenn jagħtikom sens ta' normalità barra l-post tax-xogħol u jgħinkom tapprezzaw l-importanza ta' relazzjonijiet sinifikanti.

· Kemm jista' jkun agħtu prijorità li tieħdu il-leave tagħkom u tieħdu l-opportunità li tinqatgħu mit-toqol tax-xogħol. B'hekk terġgħu tiggwadanjaw l-enerġija u tmorru lura għax-xogħol fi stat aħjar.

• Jekk issibu l-ħin u l-opportunità, ippruvaw attendu għal xi kors li mhux relatat max-xogħol. Dan itikom sens ta' tkabbir personali u tvarjaw l-interessi tagħkom, li twassal għal iktar sodisfazzjon fil-ħajja.

Dawn il-punti jfakkruna li l-mistrieħ mhuwiex dgħufija, iżda neċessità biex tieħdu ħsieb saħħitkom u tgħixu ħajja iktar ibbilanċjata.

Il-benesseri personali huwa essenzjali u neċessarju kemm b'mod personali u individwali iżda wkoll biex b'mod kollettiv tibnu Korp iktar reżiljenti u effettiv.



Għaldaqstant nistidnukom li jekk xi ħadd minnkom qed isibha diffiċli jaqta' u jistrieħ, l-Employee Support Programme (ESP) jista' jgħinek.  L-ESP jista' jgħin biex jgħarraf l-importanza li tieqfu mix-xogħol u tieħdu ħsieb tagħkom infuskom.  Li tagħmel kuntatt mal-ESP, titkellem u tesprimi ruħek fuq l-isfidi li tkun iltqajt magħhom waqt xogħolok jew fil-ħajja personali, jgħinek tkattar iktar l-għarfien fuqek innifsek u tkattar l-intelliġenza emottiva. Is-servizz huwa kunfidenzjali u bla ħlas għall-impjegati pubbliċi.

Għall-iktar informazzjoni nistiednek tagħmel kuntatt mal-ESP Unit billi ċċempel 2200 1210 jew tibgħat imejl fuq esp.opm@gov.mt



Minn Steve Spiteri
– Viċi President

# Merħba, nilqagħkom għall-ewwel artiklu tagħna għas-sena 2024.

Is-sena l-oħra l-Police Officers Union ħadet deċiżjoni bla preċedent. Propju nhar id-29 ta' Novembru 2023 waqaf jaħdem is-servizz tal-vapur ta' Għawdex, kawża tal-maltemp u l-POU ġiet infurmata li kien hemm xi membri tal-Korp Għawdxin, li huma wkoll membri tal-POU li nqabdu Malta. Il-kumitat iddeċieda li dawn il-membri għandhom isibu alloġġ Malta u l-ispejjeż kienet se tagħmel tajjeb għalihom il-Union. Din hija prova li dejjem inġibu l-ewwel u qabel kollox l-interessi tal-membri.

Sitwazzjoni oħra li membri kienu jwasslulna, hija relatata mat-teħid ta' ġranet jew sigħat leave għall-vaganzi. Kien hemm istanzi fejn meta wieħed japplika għal ġurnata jew sigħat għal dan il-leave u jekk ikun hemm il-bżonn li dan jiġi kkanċellat, dan ma kienx possibbli. Dan ġie diskuss mal-amministrazzjoni u ntlaħaq ftehim li jekk il-ħin ta' dan il-leave ikun għadu ma bediex, l-uffiċjal jista' jikkanċella. Ovvjament dan isir wara li jkun ġie infurmat l-uffiċċju tal-SME.

Għall-ewwel darba, il-POU ġiet mitluba tkun preżenti fid-diskussjonijiet għall-ftehim kollettiv. Dan huwa ftehim li jirregola l-kundizzjonijiet taċ-ċivil kollu. . It-terminu tal-ftehim preżenti se jiġi fi tmiemu din is-sena u d-diskussjonijiet se jkunu bdew għall-bidu ta' Marzu 2024.

Nieħu din l-opportunità biex nilqa' lis-Surġent Theresa Farrugia Cuschieri fil-kumitat tal-POU. Therese għamlet żmien tagħti l-kontribut tagħha bħala shop-steward, qatt ma qagħdet lura milli taqbeż għal min ikollu bżonn, persuna assertiva u persistenti fuq dak li hu sewwa.

Infakkru dejjem lill-membri li għal assistenza legali wieħed għandu jagħmel waħda min dawn li ġejjin:

- Kuntatt ma' wieħed/da mill-kumitat;
- Jibgħat email fuq policeofficersunion@gmail.com;
- Jagħmel kuntatt magħna fuq 79010777;
- Jibgħat messaġġ fuq il-paġna tal-Facebook tagħna.

Xtaqt nieħu spunt u nirringrazzja lill-membri tal-kumitat u lix-shop stewards kollha, li jagħtu kontribut kbir li ħafna drabi ma jidhirx.
Għal li jmiss...
Tislijiet.



enemed
Every km.
Every day.
enemed.com.mt
Jessica Calleja,
Karting Driver




RENAULT CAPTUR
your choice, your Captur
Starting from
€23,550
5 year warranty
special offer
available from stock
ARKANA E-TECH FULL HYBRID
CLIO
ZOE E-TECH 100% ELECTRIC
KIND'S
AUTO SALES LTD
Mosta Road, Lija, Malta. Tel: 21433601
Mgarr Road, Xewkija, Gozo. Tel: 21550962
Email: sales@autosales.com.mt
Kind's | www.autosales.com.mt
acim


PINCOTT
SECURITY
Professionals since 1972
High technology WIRELESS alarm systems
Established 1972
Address: 185 Rue D'Argens, Msida MSD 1360, Malta.
Tel: 21330200 / 21311683
Fax: 21343908
E-mail: sales@pincottsecurity.com
Website: www.pincottsecurity.com


JB SOROTTO
EST. 1877
jbsorotto.com.mt
A Maritime service
by maritime people.
Steadfast for your business since 1877.
Ship Registration • Agency Services • Maritime Services
BIMCO
J.B. Sorotto Limited is authorised to act as a Company Service Provider by the Malta Financial Services Authority

# Paġna Sportiva



Minn Ps794
Gilbert Lia

**Snooker Event ġewwa l-GHQ Games room**
Nhar l-14 ta' Diċembru ġiet organizzata friendly snooker event fejn membri tal-Korp ingħaqdu sabiex jilagħbu kontra plejers lokali li jilagħbu fuq skala nazzjonali. L-Ispettur Ian Camilleri, Pc 321 Joseph Casha u Pc 565 Shaun Sultana iffurmaw it-team tal-Pulizija filwaqt li Chris Peplow, Isaac Borg u Tony Drago iffurmaw it-team tal-All Stars. Dan l-avveniment seħħ ġewwa l-Games Room u l-mejda tal-isnooker li ntużat kienet l-istess waħda li fiż-żmien kienet tinsab ġewwa l-officers mess fi stat tassew diżastruż. Minn hemm, il-Kumitat Sportiv ħa ħsieb li jsir restawr fuq din il-mejda sabiex terġa' tingħata l-ħajja u fuq kollox tintuża għal dawn l-avvenimenti. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa ħsieb sabiex dan l-avveniment iseħħ.

**Polrun Christmas Edition**
Nhar is-26 ta' Diċembru, il-Kumitat Sportiv organizza l-ġirja Polrun, li bħala avveniment sar wieħed mistenni minn diversi parteċipanti, u f'din l-edizzjoni ħadu sehem aktar minn 150 ruħ fejn fosthom ingħaqdu anke r-rekluti li maż-żmien ser jinħatru fi ħdan il-Korp. Ir-rotta ta' din il-ġirja hija ferm sabiħa, peress li ssir fi Triq il-Kosta, ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq u twila ħames kilometri. Bħal kull edizzjoni, il-flus li jitħallsu għall-parteċipazzjoni jmorru għall-Community Chest Fund, u din is-sena inġabret is-somma sabiħa ta' ftit aktar minn €2000. Il-Kumitat Sportiv jixtieq jirringrazzja lil kull min ħa ħsieb sabiex jiġi organizzat dan l-avveniment.

**MPF 5 a side Internal Football League**
Il-League tal-5 a side li qed isir ġewwa l-Pietà Football Grounds għaddej b'pass tajjeb u nistgħu ngħidu li diġà qed jidhru min ser ikunu t-timijiet li ser ikunu qed jissieltu għat-titlu ta' rebbieħ ta' din l-edizzjoni. SIU, FCID, u d-Distrett Nru8 kienu fost l-aqwa timijiet f'dan il-league, biss hemm timijiet bħad-Distrett Nru 2 u 9 li jistgħu jkunu sorpriża. Ma nistgħux ma nsemmux it-timijiet tal-RIU 1 u SB li ilhom snin twal dejjem ikunu fost ir-rebbieħa. 'May the best team win'.



# It-Team tal-Football



PC 1425 Adrian Ciappara
– Vulnerable Victims (VICE)

Erba' snin ilu kont ġejt avviċinat sabiex inkun parti mit-team tal-football tal-Korp tal-Pulizja fejn wara sena ġejt afdat sabiex nibda nieħu ħsieb dan it-team flimkien ma' kollegi oħra. F'dak l-istaġun it-Team B tal-Pulizija kien rebaħ il-Promozzjoni għall-ogħla diviżjoni tal-kampjonat tal-MESA, wara li t-team kien spiċċa fit-tieni post tal-klassifika. Wara li fis-snin passati l-Korp kien jikkompeti b'żewġ timijiet ittieħdet deċizjoni fejn iż-żewġ timijiet tal-Korp ġew amalgamati f'team wieħed, sabiex ngħaqqdu r-riżorsi umani u nkunu iktar kompettitivi. Għal dan l-aħħar sentejn jien flimkien ma' PS Roger Mifsud ġejna afdati sabiex nieħdu ħsieb it-team tal-Korp tas-7 aside li jikkompeti fl-ogħla diviżjoni fil-Lig tal-MESA. Dan huwa kampjonat milgħub bejn diversi istituzzjonijiet sabiex tiġi nkoraġġuta l-attività fiżika fost l-impjegati.

Sabiex ikunu magħżula l-plejers sar skrutinju fejn kienet ħarġet sejħa għal min kien interessat jipparteċipa f'dan it-team u wara kienu organizzati xi logħob sabiex jiġu magħżula l-plejers. Apparti minn hekk, kemm jien flimkien ma' PS Roger Mifsud insegwu l-andament tat-timijiet fit-tournament annwali li jsir fil-Kumitat tal-Isports sabiex f'każ li jkun hemm xi ħadd li jolqot l-għajn jiġi avviċinat sabiex jibda jagħmel parti mit-team.

Is-sena l-oħra spiċċajna l-kampjonat fil-ħames post tal-klassifika. Personalment kont diżappuntat għaliex nemmen li stajna morna aħjar meta tqis il-kwalità tal-iskwadra li kellna, biss dan kien ta' motivazzjoni għalina sabiex dan l-istaġun nippruvaw immorru aħjar. Hekk kif spiċċa l-kampjonat, il-membri tal-Kumitat flimkien magħna bdejna naraw kif nistgħu ntejbu l-prestazzjonijiet u riżultati miksuba.
Għaldaqstant ġie pjanat programm sabiex it-team jagħmel preseason u sessions ta' training matul il-kampjonat.

Għall-pre-season is-sessjonijiet kienu ta' darbtejn fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. Wara li ntemm il-pre-season, darba fil-ġimgħa t-team qed ikun jitħarreġ fil-grawnd tal-Pietà sabiex kemm jista' jkun ikun ippreparat kemm fiżikament kif ukoll tattikament. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat tal-Isports kif ukoll lill-Amministrazzjoni tal-Korp għaliex bis-saħħa ta' hekk inkunu nistgħu ngħollu l-livell tagħna u nġibu l-aħjar riżultati possibbli għall-Korp.
F'Novembru li għadda beda l-kampjonat fejn s'issa dan l-istaġun minn ħames logħbiet, ksibna erba' rebħiet, logħba oħra ntemmet fi draw, fejn skurjajna fl-aħħar mumenti tal-logħba kif ukoll kellna logħba li spiċċat f'telfa.

Sabiex inkomplu nagħtu dehra iktar professjonali ta' dak li qed nagħmlu, ġie deċiż li għandna ninvestu fi training kits u tracksuits moderni sabiex inkunu kollha uniformi. Kemm waqt it-taħriġ, il-pitch jiġi utilizzat min-nies pajżana wkoll, kif ukoll meta mmorru għal logħob tal-kampjonat sabiex nilagħbu kontra entitajiet oħra. Jien personali nemmen ħafna bl-ewwel impressjoni li nagħtu, u kienet waħda mill-affarijiet li kienu ġew diskussi mal-kumitat qabel il-bidu ta' dan il-kampjonat.
Apparti dan kollu xi ħaġa ta' inċentiv li kemm bħala coaches kif ukoll bħala plejers huwa li fil-ġranet off tagħna, fejn qabel ma konna nieħdu xejn, minn din is-sena qegħdin nieħdu tliet sigħat bħala vices, xi ħaġa li tinċentiva iktar lil membri kollha tat-team. Din is-sena t-team huwa magħmul minn 16-il plejer minn diversi għases u branki differenti li hawn fil-Korp. Apparti jien u PS Roger, hemm PS Gilbert Lia u PC Emanuel Agius li huma wkoll parti mit-team tekniku tat-team.
Ovjament bħal kull ħaġa oħra dejjem nemmen li hemm fejn nirranġaw sabiex nkomplu ntejbu iktar ir-riżultati.

L-objettiv prinċipali jibqa' dejjem li bir-riżultati li nġibu nkomplu ntejbu isem il-Korp ukoll fil-qasam sportiv u għaliex le, nirbħu xi tazza fil-viċin. Finalment nixtieq nirringrazzja lill-Amministrazzjoni tal-Korp tal-għajnuna li dejjem sibna min-naħa tagħhom.


YOUR POINT OF REFERENCE FOR ALL YOUR QUALITY CONSTRUCTION MATERIAL NEEDS
Sika
licata building+colours
Siciliana gessi
La Matassina
NOVAGLASS
NOW BRINGING YOU ALSO
SOMANY
Tiles | Bathware
Somany Ceramics is one of the largest tiles and bathware manufacturers in the world.
With this prestigous brand gathered within its impeccable product portfolio, JCR can now also serve you with a vast range of quality tiles, wall claddings, sanitary ware, bathroom fittings, and state-of-the-art tile laying solutions.
JCR IMPORTS LTD
Triq in-Negozju, Qasam Industrijali, Mriehel, B'Kara BKR 3000, Malta
Tel.: 2144 2466 / 7 593
Email: info@jcrimports.com.mt
JCR
IMPORTS LIMITED


• Hardboard Melamine
• Steamed Beech Surfaced
• Film Faced Shuttering Plywood
• MDF Moisture Resistant
• Chipboard Melamine
• Galvanized Metal Fence
• Plywood Marine
• Red Deal Beams
• American Cherry
• Panel Pine
• Scaffolding
• Dumper
• Wheelbarrow
• American Tulip
• Edging
• Iroko
• Road Separator
• Dumper
• Galvanized Metal Fence
• Road Separator
• Alto Hinges
• Formwork Panels & Beams
• Screw Parapet
• Heavy Duty Drawer Slides
• Router Bits
• Adjustable Level Props
Cortis TIMBER
your success is our aim
Mdina Rd, Żebbuġ • Industrial Estate, Attard
t: 2146 1758 / 9 • e: info@cortisgroup.com
www.cortisgroup.com
LIKE US ON FACEBOOK


No. 1 World Leaders
in Electric Water Heaters for 10 consecutive years
Haier
Haier
Haier
Haier
SATARIANO
122, Valley Road, B'Kara


ATTRANS
International Transport
attrans.com
OFFICES IN MALTA - ITALY - THE NETHERLANDS - SLOVENIA
GROUPAGE & FULL LOAD MOVEMENTS, FREIGHT FORWARDING, TEMPERATURE CONTROLLED LOGISTICS & WAREHOUSING
Offered to and from any European Destination, Asia & North Africa.
Attrans Limited. Attrans Depot, Mdina Road, Zebbug ZBG 9018, Malta.
Tel. +356 2258 5500
Email: info@attrans.com
facebook.com/attrans
WE LEAD. OTHERS FOLLOW
attrans.com


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
garminmalta.com
GARMIN
DriveSmart 76 MT-D


R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
LOOKING FOR HIGHEST QUALITY IN BUILDING MATERIALS?
THEN LOOK NO FURTHER...R.A&SONS ALWAYS BRINGING YOU THE BEST.
SCAN ME
Racem
PREMIXED CEMENT BASED PLASTER
R.A. & SONS
MANUFACTURING LTD
info@rasonsltd.com
sales@rasonsltd.com
www.rasonsltd.com
Gruwa Street, Xewkija XWK 2903 Gozo, Malta
(+356) 2155 6722 | 7950 5040
Warehouse N° 23, Hardrocks Industrial Park, Burmarrad NXR 6345, Malta
(+356) 2155 9369 | 7950 5041

# Malta Association of Retired Police Officers



Minn Martin Pace
– Assistent Segretarju

**Iltqajna nhar l-ewwel Ħadd tas-sena, 7 ta' Jannar 2024.**
Bosta membri attendew fil-Kwartieri tal-Pulizija, għall-laqgħa annwali, li kif xieraq bdiet b'quddiesa ta' radd il-ħajr, tifkira kommoventi tal-ex membri li għaddew għall-ħajja aħjar, l-għoti ta' ċertifikat/plakka kommemorattiva lil dawk li rtiraw fis-sena preċedenti u wara bħala familja waħda ngħbarna għal riċeviment. Ta' dan kollu nixtiequ f'isem sħabna, nirringrazzjaw ta' din it-tradizzjoni li tkompliet ukoll għal din is-sena lis-Sur Angelo Gafà u dawk kollha li ħadmu sabiex terġa' tkun ta' suċċess. Ħadna nota ta' ħidmet l-amministrazzjoni tal-Korp u frott il-ħidma tal-membri kollha fi ħdanu fi stħarriġ pubbliku, li minn fost istituzzjonijiet tant importanti fil-pajjiż, il-Korp ġie l-ewwel b'approvazzjoni ġenerali.



Għalkemm it-temp ma tantx kien ġeneruż magħna, jidher it-tiġdid ta' ħbiberija bejn l-membri attivi u dawk irtirati intlaħaq, speċjalment waqt il-bibita li kienet organizzata ferm tajjeb. Il-President Caruana u Teżorier Borda, f'isem il-membri ppreżentaw rigal bħala apprezzament lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Hawn ta' min jagħmel nota li din hija attività organizzata mill-Amministrazzjoni tal-Korp, fejn stieden lill-membri tal-MARPO. Bħala assoċjazzjoni nħeġġu lill-membri sabiex jaqraw din ir-revista fejn l-istedina kienet fil-ħarġa ta' Diċembru 2023, barra li bgħatna email u sms lil min jipprovdilna u jżommhom attivi.

**Shadow Minister Dr Darren Carabott**
Wara tibdil fix-shadow cabinet, Dr Darren Carabott ġie maħtur mill-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Bernard Grech, bħala l-kelliem għall-Oppożizzjoni għall-Intern u Sigurtà. Kellna laqgħa miegħu nhar il-5 ta' Frar 2024, fejn spjegajna l-għanijiet u l-objettiv tal-assoċjazzjoni. Nieħdu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzjaw lill-kelliem preċedenti Dr Joe Giglio.



**Ġieħ ir-Repubblika - Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti.**
Nhar l-24 ta' Frar 2024, kellna laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija rigward diversi suġġetti li jolqtu lill-membri tagħna. Però l-aktar suġġett ta' interess bħalissa huwa l-kriterji li wieħed ikun laħaq sabiex jingħata l-midalja jew clasp.

ikompli fuq paġna 24...

ikompli minn paġna 23...

Kienet laqgħa kordjali u jidher li l-messaġġ qiegħed jiftiehem li kif inhuma l-kriterji llum iħallu ħafna membri jew ex membri barra, u dan minħabba nuqqas żgħir ta' ksur ta' dixxiplina, it-tebgħa tibqa' immarkat fuq id-dossier tagħhom għal perjodu indefinit u mingħajr il-midalja. Onestament nemmnu li l-ħsieb tal-membri parlamentari ma kienx dan meta ġiet imfassla l-leġislazzjoni.

Iqawwilna qalbna u ħadna nota wkoll dak li dan l-aħħar esprima l-Prim Ministru Dr Robert Abela li jekk ikun hemm persuna ta' nuqqas f'għemilha u dan sakemm ma jkunx ta' natura gravissima, m'għandiex tibqa' issofri għal għomru  għal dak li jkun ħallas għalih u aħna bħala MARPO naqblu 100%.

Għalhekk, nittamma li wara żewġ laqgħat mas-Segretarju Parlamentari għal Djalogu Soċjali (OPM) l-ex kollega Dr Andy Ellul, mas-Segretarju Permanenti tal-Intern, mal-Kummissarju tal-Pulizija, Shadow Minister



u oħrajn f'karigi għolja bħal ET il-President tar-Repubblika Dr George Vella kif ukoll mal-ex kollega l-Ispeaker Dr Anglu Farrugia u l-Ombudsman Dr Zammit McKean, li kollha jaqblu li wasal iż-żmien għal riforma riparatriċi wkoll f'dan il-qasam.

**Il-laqgħa annwali MARPO 2024.**
Ser titlaqqa' nhar il-Ħadd 26 ta' Mejju, 2024 fis-sala tal-Kwartieri tal-Assoċjazzjonjiet, Spencer Hill il-Menqa, Marsa.
Kunu proattivi u ejjew b'suġġerimenti. Aktar tard ser tinħareġ ukoll ċirkulari lill-membri.



Swaey Bros Ltd
Malta

Swaey Bros Ltd has been selling and hiring cranes since 1983. The company has vast experience in many small to large-scale projects. Apart from other services, Swaey Bros Ltd is also the sole agent of hydraulic equipment parts of many renowned brands.



- Crane Fleet ranging from 25 to 200tons
- Specializing in Boat Lifting & Transport
- Self Erecting / Static Tower Crane; Sales, Rentals, Erection and Dismantling.
- Safe Load Indicator installations
- Radio Remote Controllers suitable for various industrial applications
- Repairs on all types of Hydraulic Equipment
- Mobile Machinery Sales
- Wide range of Lifting belts, Chain slings,
- Wire ropes and Accessories.

1, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4891
Tel: +356 21416163 / 21433380
Fax +356 21413115 Mob: +356 99492362.
www.swaey.com email: swaey@swaey.com







fgp
The Garage Door People
FGP Ltd is Malta's largest and longest established garage door manufacturer. Supplying all kinds of custom made residential, commercial & industrial garage doors, gates and remote control automations.
FGP Ltd. 109, Valletta Road Luqa. Tel: 21673627, 21667107/8
Email: sales@fgp.com.mt Web: www.fgp.com.mt


GODWIN'S GARAGE
ALL SPECIFICATIONS FOR YOU TO CHOOSE FROM
Godwin`s Garage is the largest vehicle rentals and leasing company in Malta with more than 400 commercial vehicles, scissor lifts, platforms, boom lifts and cherry pickers
Tel: (356) 2137 7007 / 2142 4771 /1/2/3
Mobile: (356) 9949 2584 / 7947 8990 / 7944 4915
www.godwinsgarage.com
email: godwin@godwinsgarage.com


BOOST
PREMIUM QUALITY DIESEL 55 60
ASK FOR BOOST
AT YOUR NEAREST SERVICE STATION
REGISTER TO BENEFIT
www.boostdiesel.com

# International Police Association

## Section Malta



Joseph Borda
- IPA National President

## Malta Section 60th Anniversary

The Malta Section of the International Police Association (IPA) was accepted as a full member of the IPA on the 30th April 1964, during the World Congress which was held in Blackpool UK, after submitting a formal request for full membership before Malta became independent.



The International Police Association, the largest police organisation in the world is a voluntary association whose origins stretch to a few years after the Second World War.

It all started in 1950 when Sgt. Arthur Troop from Lincolnshire UK, came up with the idea of creating a channel for friendship and international cooperation among police officers.

At present there are sections from 66 countries and a total of 372,000 members world-wide. A World Congress is held once yearly in different countries. This year's congress will be held in North Macedonia.

For the 60th Anniversary, the Malta Section will be inviting the International President Mr Martin Hoffman who will be the Guest of Honor during the official Dinner.
Servo Per Amikeco

**Membership**
We wish to remind you that renewal for 2024 can be made at our Menqa Office on Mondays from 9.00am to 12.00pm. Payments can also be made by Revolut or BOV Mobile to mobile number - 99459583. It is important to include your name and membership number when paying online.
The fees are as follows: 1 year - €10 3 years - €25 5 years - €40

# APPREZZAMENTI

## mingħand il-komunità




• F'ismi u f'isem ommi, nixtieq nirringrazzja lill-Pulizija kollha tal-għassa taz-Zurrieq li kienu xogħol fl-10 ta' filgħodu, speċjalment lill-Ispettur Francesca Calleja u lis-Surġent Julian 1573 tal-għajnuna tagħhom u tas-support li taw lili u lill-familja tiegħi f'mument diffiċli ħafna għalina. Bl-imġieba u l-empatija tagħkom tagħmlu unur lill-uniformi u lill-Korp kollu. Grazzi minn qiegħ qalbi.

• Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil PC 1235 u PC 2446 mis-sezzjoni tal-RIU talli dal-lejl għenuni fit-triq li tagħti lejn ta' Kandja tant li bidluli t-tyre tal-karozza biex b'hekk stajt nerġa lura d-dar. Apprezzajt ħafna dan il-gest. Grazzi.

• This post is genuinely to praise and thank the Malta Police Force and Victim Support Unit.
Few days ago I was a victim of a mugging incident but two foreigners, nothing can describe the feeling, mixed emotions I felt during the situation. I was speechless, left shaking, emotional.... The anger they showed, the vulgarity they used on me, just knowing how this is going to end and how it will end. Having my phone and some other meaningful items stolen. I just want to thank these two officers PS 649 who took great care of me, showed compassion and calmed me down despite of the situation.
A big also thank you for receiving the below email from PS 2408 which got me so emotional knowing that there is such great kindness and care in this world. This meant the world having the check up on you and making sure that services like this exist and showing care and support. So from the bottom of my heart thank you to the Victim Support Unit and the Malta Police Unit especially the two mentioned above for everything you have done and support you have shown.

• Nirringrazzja lil Marsa Community Policing u l-Għassa tal-Hamrun speċjalment PC2450 li baqa sakemm għaraf lil akkuzat li seraqli l-mobile u resquh il-Qorti. Proset u grazzi tax-xogħol li tagħmlu, dak li jidher u anki dan li ma jidhirx u fil-ħin tagħkom tax-xogħol u dak li meta ma tkunux xogħol u taħdmu xorta. Grazzi.

• Very well-served by PC Noel Said from the Airport Police Station who took all the trouble of looking me up in Belgium via Facebook and Messenger in order to return my wallet and personal documents lost on a flight. Kudos and keep up the good work.

• During the early hours of 9th September at around 00.30am I had some trouble with a tyre in my car at Zejtun. While I was trying to fix the problem, PS1405 Dylan and PC1411 Keith passed by and stopped to see what happened. These two Police Officers where extremely kind and helpful and literally went out of their way to help me!! They spent nearly an hour helping me out and it was thanks to their help that I was able to make it back home safely!! I have no words to thank and show my appreciation towards these amazing young officers. They surely deserve an appreciation for their dedication towards the community! Well done and thanks once again Dylan PS1405 and Keith PC1411


Village Pets
VISIT THE NEW PLANT SECTION
AT VILLAGE PETS - ŻABBAR
MON - FRI: 8:00AM - 6:00PM
SAT: 8:00AM - 1:00PM
SUN: CLOSED
PISCOPO gardens
CHOOSE FROM A WIDE SELECTION OF PLANTS, SEEDS, POTS AND GARDENING TOOLS.
234, TRIQ IS SANTWARJU, ŻABBAR, MALTA
VILLAGEPETSZABBAR@PISCOPOGARDENS.COM
+356 2780 9473


BALLUT BLOCKS
Ballut Blocks Ltd. Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738 Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com
Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.
FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY
Precast Windows
Demolition Works
Trenching Works
Concrete Bricks
Excavation
Precast Slab Roofing
Tunnelling
Tunnelling Machine
Ready Mix Concrete
Piling Machine
Piles
Precast Walls
GPC Concrete Solutions
General Precast Concrete Ltd
www.ballutblocks.com

# Obitwarju





**Dr Joe Cassar Delia**
1943 – 2023
Ex Police Medical Doctor



**Ex. PC 174**
**George Abela**
1944 – 2023
1962 - 1992



**Ex PC 417 & 28**
**George Cristina**
1948 – 2023
1957 – 1987 & 1994 - 2003



**Ex PC 456 & 743**
**Anthony Pisani**
1943 – 2023
1962 – 1990 & 1995 - 2003



**Ex PC 1083**
**Anthony Attard**
1938 – 2023
1959 – 1984



**Ex PC 1454**
**Marston Godric**
1969 – 2023
1987 – 1991



**Ex PS 197**
**John Mallia**
1952 – 2024
1974 – 2009



**Ex PS 1086**
**John Saliba**
1940 – 2023
1959 - 1986



**Ex SM 1404**
**Anthony Cutajar**
1952 – 2024
1987 – 2013



**Ex Superintendent**
**Carmel Bonello**
1943 – 2024
1963 – 1989



**Ex WPC 78**
**Roslyn Ciantar**
1975 – 2024
1995 – 2021

Smart
Supermarket



# Quality, Choice and Value




***Access to Smart Supermarket from Triq Domenico Cachia is currently Closed.***

*Kindly use the parking facilities on Triq in-Naxxar.*

**We apologise for any inconvenience caused.**

## Get Social with Smart Supermarket

Like us on Facebook | Follow us on Instagram

## Where to contact us

**A:** Smart Shopping Complex, Naxxar Road, Birkirkara, BKR 9042, Malta
**T:** +356 2144 2728
**E:** info@smart.com.mt
**W:** www.smart.com.mt
**FB:** www.facebook.com/smartsupermarket

**recycle** When you have finished with this publication please recycle it.

All points, prices and offers displayed on this publication are valid for this month only. Points, prices and offers published on the Smart Supermarket Publication were correct at time of going to press, however Smart Supermarket will not be responsible for errors or omissions. All rights reserved ® Smart Supermarket 2024.

## Opening Hours

| | |
|---|---|
| Monday | 07.00 to 20.00 |
| Tuesday | 07.00 to 20.00 |
| Wednesday | 07.00 to 20.00 |
| Thursday | 07.00 to 20.00 |
| Friday | 07.00 to 21.00 |
| Saturday | 07.00 to 20.00 |
| **Sunday** | **08.00 to 18.00** |

**Late Night Shopping:**
**Fridays 7am-9pm**

**OPEN ON SUNDAYS**
***from 8am-6pm***

Like us on Facebook | Follow us on Instagram

Smart
Supermarket


BOV | SELF PERSONALI
Tħallix spejjeż mediċi jżommuk lura. Aħna nistgħu ngħinuk.
• Rata ta' imgħax baxxa
• Terminu ta' ħlas sa 15-il sena*
• Polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja b'xejn
bov.com/personalloans | bovofficial
*Termini u kundizzjonijiet japplikaw.
Il-benefiċċju tal-kopertura fuq il-ħajja, li qed jinata b'xejn mal-prodott, japplika fuq il-bilanċ tas-self sa massimu ta' €25,000 għal kull self, sal-età ta' 69 (inkluża) jew sakemm jingħalaq il-kont tas-self, liema minnhom jiġi l-ewwel.
Is-self kollu huwa suġġett għall-kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-Bank of Valletta. It-terminu tas-self ma jistax jaqbeż l-età tal-irtirar.
Maħruġa mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).
KELLIMNA
BOV
Bank of Valletta